MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2010

Numru 1261/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Abdoulatif SOULEYMANE DIARA
Herve EHOPI NGASSA
Paul Desire NOCHE PIENGO**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Abdoulatif Souleymane Diara** ta' 32 sena bin Souleymane Diara u Seibu nee' Adisa, imwieled Benin fil-21 ta' Dicembru 1978, residenti "Last Building" Flt 7., Triq il-Hebberxa, Marsaskala. Detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 46981A. Maghruf bin-numru tal-Pulizija 07VV 019. Certifikat ta' l-immigrazzjoni Malti numru 6740AA.

u

**Herve Ehopi Ngassa** ta' 22 sena bin Ehopi u Ngassa nee' Giorgette, imwieled *Guineana, Guinea Ecuatorial* fis-26 ta' Dicembru 1989, residenti Calle Brazil no. 16, Madrid (Al Cor Con), Spanja. Detentur tal-passaport tal-*Guinea Ecuatorial* numru G 0144868 E u tal-permess ta' residenza Spanjola numru E 11869028.

u

**Paul Desire Noche Piengo** ta' 30 sena, bin Piengo u Antoinette nee' Manie', imwieled Douala, *Cameroon* fl-10 ta' Frar 1980, residenti Mostoles, 129C/Calle Las Palmas, Madrid, Spanja jew 194 Avenue General CDE Gaulle, Parigi, Franza. Detentur tal-passaport tal-*Cameroon* numru 01359248 u tal-permess ta' residenza Spanjola numru E1 2524089.

Akkuzati talli fid-19 ta' Novembru 2010 u fil-granet precedenti, f'dawn il-Gzejjer, assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt (frodi ai terminu ta' l-Artikoli 308 u 309) li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa u dan ai terminu ta' l-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u

ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputati stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati, li l-fedina penali taghhom hija netta u li ma jirrizultax li xi persuna sfat vittma ta’ l-agir illegali taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 48A, 308, 309, 23 u 31 kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, qed tikkundanna lil kull wiehed mill-imputati ghal sena (1) prigunerija, li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospiza ghal erba’ snin (4) mil-lum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-hatja il-portata ta’ din is-sentenza, u cioe il-konsegwenzi li jkun hemm jekk huma jikkommettu xi reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv.

In vista tad-dikjarazzjoni ta’ l-ufficjal prosekutur li l-ebda spejjez in konnessjoni man-nomina ta’ esperti ma gew inkorsi fil-kaz odjern, il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba.

Ai termini ta’ l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9, il-Qorti tordna il-konfiska ta’ l-istrumenti kollha li servew jew li kien mahsub li jservu biex isir id-delitt.

Il-Qorti tordna li  l-atti ta' dan il-process, flimkien ma' kopja din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fit-terminu stipulat fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------